

# Ħwienet tal-Inbid

mill-pinna ta' Michael Balzia

Kemm-il darba ktibt fuq il-ħajja reliġjuża tar-raħal tagħna. Mhux l-ewwel darba li ktibt fuq l-aspett arkitettoniku li bih aħna mdawrin bħal kappelli u bini militari flimkien ma' binjiet storiċi. Ġieli ktibt fuq għaqdiet u diversi affarijiet oħra. Din is-sena, hekk kif Alex qalli sabiex nikteb xi ħaġa fil-ktieb tagħna, ħassejt li kelli nikteb xi ħaġa fuq il-ħajja soċjali li kienu jgħixu missirijietna għaliex ngħidha kif inhi ftit li xejn kont ktibt fuq dan is-suġġett u fuq kollox mhux ta' min iwarrbu. Kienet il-ħajja ta' kuljum tagħhom u tagħmel parti min-nisġa fit-tessut tal-kwadru komplet.

Il-'Leiutant Government Office Files' jew aħjar l-'LGO's' li jinsabu fl-Arkivju Nazzjonali, Santu Spirtu r-Rabat, huma minjiera ta' tagħrif ta' din il-ħajja soċjali li għexu missirijietna fis-seklu 19 u nofs is-seklu 20. Aspett li lili laqatni mill-qrib kienu l-liċenzji sabiex jinbiegħ l-inbid flimkien ma' spirti u xi minn daqqiet, merċa. Għalkemm Birżebbuġa kienet għadha ħafna 'l bogħod minn dak ir-raħal żviluppat kif nafuh illum, xorta waħda kien hemm min jitlob li jingħata liċenzja sabiex jagħmel dan. Il-liċenzja kienet tittieħed bis-serjeta' tant li sabiex tinħareġ kellha tkun iffirmata mill-Gvernatur fuq rakkomandazzjoni minn bord imwaqqaf apposta. F'dawn il-liċenzji wieħed jiltaqa' mal-ewwel toroq li sawru r-raħal pittoresk tagħna, jiġifieri:- *Strada Zurrico, Strada Birzebbugia, Sda Marina, Strada Nuova, Str Birzebbugia San Giorgio* u *Sda S. Giorgio*.




Nhar l-4 ta' Lulju 1864, (liċenzja Nru 12973) Giuseppe Mangion ingħata permess jew ġeddewlu l-liċenzja sabiex ikun jista' ibiegħ l-inbid mill-fond 34, Strada Nuova. Din hi l-eqdem liċenzja mogħtija hawnhekk. Fl-istess ġurnata, iżda tas-sena ta' wara, Mangion ġeddewlu l-liċenzja. Fis-17 ta' Awwissu 1867, Giacomo Mangion (liċenzja 808) ingħata l-permess li jbiegħ l-inbid ġo Birżebbuġa, pero', m'għandniex minfejn seta' jagħmel dan.

Fis-sena ta' wara nħarġu tlett liċenzji. Dawn kienu lil:- Giacomo Mangion (7 ta' Settembru - 3926/1868); Andrea Saliba (12 ta' Mejju - Liċenzja 3089/1868) u Giandria Caruana (3 ta' Marzu - Liċenzja Nru. 2627). L-aħħar tnejn kellhom il-ħanut tagħhom fi Strada Nuova, numru 2 u 34 rispettivament. Saliba u Caruana kellhom il-liċenzja tagħhom imġedda fis-sena ta' wara.

Fis-16 ta' Lulju, 1870, diversi villeġġjanti rrikmandaw lill-Gvernatur sabiex Michele Schembri jingħata l-fakulta' li jbiegħ l-inbid u spirti, għaliex dejjem skont huma, f'Birżebbuġa u San Ġorġ kien hemm ħanut wieħed biss jagħmel dan peress li Michelangelo Caruana kien ilu li għalaq il-bottega tiegħu għal iktar minn sena. Fost dawk li ffirmaw il-petizzjoni kien hemm dik ta' Napoleone Tagliaferro u Michele Albanese flimkien ma' żewġ saċerdoti; Sac. Franc. Saverio Marmarà u *Sacerdote* Pubblio M. Pace. Fil-fatt, Gianandrea Caruana (u mhux Michelagelo kif qalu huma) kien ġedded il-kuntratt fit-12 ta' Mejju u li fis-sena ta' wara talab li jitrasferixxi il-liċenzja minn Birżebbuġa għal Marsa - New Harbour Extension 28 & 29. Fis-26 ta' Settembru 1870, Giuseppe Gatt talab li jitrasferixxi l-liċenzja tiegħu minn Ħal Luqa għal Birżebbuġa. It-talba ma ntlaqgħetx minħabba li kien hemm diġa' żewġ ħwienet oħra u s-suq kien żgħir. Fit-2 ta' Ġunju 1870, Andrea Saliba (Liċenzja 1301) seta' jġedded il-liċenżja fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord. L-istess rakkomandazzjoni ingħatat fis-sena ta' wara (liċenzja 10898/1871).

Michele Schembri fetaħ il-bottega tiegħu fi Sda Baja u l-liċenzja setgħet tkun imġedda fil-31 ta' Ottubru 1871 (11546/1872). Schembri ingħata l-permess li jkun jista ' jerġa' jġedded il-liċenzja tiegħu fit-13 ta' Jannar 1873.



Għal seba' snin, għalkemm it-tiġdid tal-liċenzji b'xi mod jew ieħor baqa' jsir, dan ma kienx qed ikun reġistrat f'din is-sezzjoni b'konsegwenza, li l-ewwel liċenzja li ngħatat wara dan il-perjodu pjuttost twil kienet lil Matteo Mizzi (Sda Nuova Nri 20 u 21) nhar is-7 ta' Ġunju 1880. L-istess Mizzi kien talab sabiex jitrasferixxi l-bottega tiegħu minn Strada Nuova għal numru 27, Sda. Birżebbugia. Wieħed jinnota hawnhekk it-tkabbir fil-popolazzjoni. Minn tnejn saru tlieta, biż-żewġ bejjiegħa l-oħra jkunu: Giovannfrancesco Bondin li talab li jibdel il-ħanut minn Sda Birżebbugia għal Sda Zurrico (6542/1880 tal-14 t'Awwissu) u l veteran Andrea Saliba bil-ħanut tiegħu f'fond Nru 27, Baja Birzebbugia (Liċenzja 7284/1880 tal-20 ta' Novembru 1880). Erba' persuni:- M. Portelli, J. Fabri, C.J. Dingli u Michelangelo Penza flmkien ma' Vincenzo Caruana bħala xhud, iddikjaraw fuq *Form No. 2 - Form for new shop*. li huma ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li ħanut tax-xorb jinfetaħ fit-triq tagħhom (G. Bondin talab li jiftaħ il-ħanut tiegħu f'fond numru 14, Strada Zurrico) u jkun ta' bżonn għalihom.

Il-ħwienet baqgħu jinfetħu ġodda u fis-sena ta' wara nsibu li Giovanni Francesco Bondin beda jbiegħ l-merċa tiegħu mill-fond Nru 14 fi Sda Zurrico bħalma kien talab. Mizzi, min-naħa tiegħu kellu l-liċenzja tiegħu mġedda iktar tard fis-sena. Żewġ bejjiegħa ġodda kienu Salvatore Gatt bil-ħanut tiegħu f'Nru 42, Str. B'Bugia (San {orġ) u Giuseppe Zammit f'numru 16, Sda Birzebbugia (26 ta' Marzu 1881).

Bejn is-sena 1882 u 1888, il-bejgħ tal-inbid u spirti u xi drabi merċa baqgħu jsiru minn dawn il-ħames persuni, daqqa nsibu mniżżel wieħed, u daqqa ieħor. Fis-sena 1887, Matteo Mizzi ġarr il-ħanut tiegħu min-numru 27 għal numru 1 fl-istess triq (liċenzja Nru 12999/1887 tat-2 ta' Novembru). Fis-sena ta' wara, Giuseppe Zammit għamel l-istess u fetaħ il-ħanut tax-xorb f'fond numru 27 Sda Birzebugia (13933/1888 tat-28 ta' Jannar). L-aħħar sena li dawn iddaħħlu kien fis-sena 1888. Nhar il-5 ta' Awwissu 1889, Vittorio Attard ingħata permess jiftaħ ħanut tax-xorb f'numru 20 Marina Birzebbugia bil-liċenzja numru 3474/1889.

Il-liċenzja kienet tiġġedded minn sena għal oħra, iżda ma kienx ifisser li dan it-tiġdid kien isir kif ġieb u laħaq u mhux l-ewwel darba li l-bejjiegħa kienu avżati li jekk jerġgħu jiksru xi regolamenti, il-liċenzja ma kinetx tinħareġ. Fis-sena 1882, Matteo Mizzi ngħata l-liċenzja wara li kien avżat li jekk kellu jkun hemm rapport ieħor fil-konfront tiegħu fuq il-kondotta, il-liċenzja kienet se tkun irtirata. Fis-sena 1877, Andrea Saliba messietu l-istess xorti. F'Novembru 1876, Saliba, kien weħel jumejn priġunerija għaliex kien għamel użu ħażin mill-użin, offenda lill-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijietha u ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tagħha. Peress li l-kondotta in ġenerali kienet nadifa, huwa ngħata l-liċenzja nhar is-27 ta' Novembru 1877 wara petizzjoni lill-Gvernatur. Din kienet l-unika darba li sibt li persuna għamel talba lill-Awtoritajiet Ċivili (lill-gvernatur) sabiex jerġa' jingħata liċenzja. Każ ieħor kien ta' Giuseppe Zammit li fil-21 ta' April 1883 seta' jġedded il-liċenzja wara li l-bord irrikmanda: *recommended with caution*.

U la darba qiegħed nitkellem fuq il-ħwienet tal-inbid, xtaqt nikteb xi ħaġa żgħira fuq fabbriki li kienu jipproduċu l-inbid f'Birżebbuġa fosthom dik ta' Emmanuele Busuttil, Ta' Tira, li kien ingħata l-liċenzja nhar it-8 ta' Awwissu 1931 (3/31). Busuttil kellu ħdax-il bettija (vat) f'fond Nru 12, Żurrieq Road. Ħafna anzjani Birżebbuġin għadhom jiftakru dawn il-kantini. It-tikketta kienet ġġib barri li, minkejja li fittixt fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta sabiex insib it-'trade mark' oriġinali bqajt ma sibtiex. Sas-sena 1946, Ta' Tira kienu għadhom jipproduċu l-inbid u kellhom il-liċenzja tagħhom mġedda kull sena, sa mis-1937. Dan ifisser li matul il-gwerra, il-fabbrika ta' Busuttil baqgħet tiffunzjona. Żewġ persuni oħra li kellhom fabbrika kienu Luca Camilleri, f'dar numru 35 Sda. Marina (liċenzja 249 tal-25 ta' April 1913) u Charles Camilleri b'liċenzja Nru 4353 maħruġa fil-5 ta' Settembru 1941 f'fondi numri 4 u 6 St Angelo's Street. Fabbrika oħra bl-isem ta' "Victory' (Żurrieq Road) kienet tipproduċi xorb mhux alkoħoliku